**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 757 / 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Colin Sheldon)**

**vs**

**Reuben Galea**

Illum 1 ta' Marzu, 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Reuben Galea ta' 44 sena, iben Angelo u Eva nee' Hili, mwieled Mtarfa nhar il-11 ta' Gunju, 1975, detentur tal-karta ta' identita' bin-numru 276975M u residenti gewwa Clotilde, Triq Misrah il-Barrieri akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

1. Fis-17 ta' Dicembru 2019 ghal habta tas-sebgha u nofs ta' filghodu (07: 30hrs) fi Triq Abate Rigord f' Ta' Xbiex, irrenda ruhu komplici meta flimkien ma persuna ohra bil-hsieb li jaghmel delitt ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-

valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), ghad-dannu ta' Karolina Grima, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga indipendenti u accidentali mill-volonta' tieghu skond Artikoli 41(1)(a), 261(a)(b)(c), 262(1)(b), 263(b), 270, 275 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Fl-1 ta' Dicembru 2019 ghal habta ta' bejn is-siegha ta' wara nofs inhar u l-erbgha u nofs ta' wara nofs inhar, minn gewwa il-Valentine Hall li jinsab fi Triq il-Kbira San Guzepp Hamrun ikkommetejt serq ta' wallet ghad-dannu ta' Veneranda Sammut anzjana ta' 65 sena skond Artikoli 284 u 285 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkustanzi kiser il-provedimenti ta' probation order ta' Kapitlu 446 Artiklu 7 tal-Ligijiet ta' Malta ghal terminu ta' tlett snin moghtija fil-konfront tieghub'sentenza tal-Qorti Magistrati (Malta) Dr. C. Galea LL.D. datata 29 ta' Ottubru 2019, liema sentenza saret definnitiva u ma tistax tinbidel.

4. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkustanzi kiser il-provedimenti ta' probation order ta' Kapitlu 446 Artiklu 7 tal-ligijiet ta' Malta ghal terminu ta' tlett snin moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Dr. G. Vella LL.D. datata 13 ta' Settembru 2019, liema sentenza saret definnitiva u ma tistghax tinbidel.

5. Fl-istess dati hinijiet, lok u cirkustanzi irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema senetnzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta'htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta'spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-21 ta' Dicembru, 20(esebita a fol 184 tal-process fejn l-Avukat Generali dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub.

- Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 41(1)(a), 261 (a)(b)(c), 262(1)(b), 263(b), 270, 275, 279(a), 280(2), 280(3) u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 284, 285 u 276A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 7 u 21 tal-Att Dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' Mejju, 2021, fejn il-Qorti wara rat l-Artikoli tal-ligi elenkati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tal-21 ta' Dicembru 2020, astjenit milli tiehu konjizzjoni tar-reati kontemplati fl-Artikolu 7 u 21 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-konfront tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet fic-citazzjoni; ma sabitx lill-imputat hati tar-reati kontemplati fl-Artikoli 261(a), 262(1)(b), 270 u 276A tal-Kodici Kriminali, liema artikoli huma elenkati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali u ghalhekk illiberatu minnhom, filwaqt li wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 42(e), 261(b) u (c), 263 (b), 278(1) u (3), 279(a), 280(2), 20, 284, 285, 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali sabitu hati u ikkundannatu ghal piena karcerarja effetiva ta' sentejn u nofs li minnu

ghandu jitnaqqas kull zmien illi l-imputat ghamel that arrest preventiv biss in konnesjoni ma' dan ir-reat, u b'dan li ma ghandux jitnaqqas xi zmien li fih hu kien qed jiskonta xi sentenza ohra ta' prigunerija.

In oltre, il-Qorti ordnat lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghal dan il-fini ir-Registratur ghandu jikkomunika minnufih lill-hati l-ammont hekk dovut. Jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu malli issir il-komunika lilu mir-Registratur, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi kkonvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita' skond il-ligi.

Rat ir-rikors tal-appellant **Reuben Galea** minnu pprezentat fit-28 ta' Mejju, 2021, fejn talab lil din il-Qorti sabiex jogghobha tirrevoka u thassar is-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fir-rigward tas-sejbien ta' htija u minflok tiddikjara lill-appellant mhux hati tal-akkuzi lilu addebitati. Subordinament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellanti jitlob l-istess sentenza tigi riformata kwantu ghall-piena u dana billi tinghata piena aktar xierqa skont ic-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellanti li huma cari u manifesti u jikkonsistu filli l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghetx issib htija fir-rikorrenti. Subordinament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kellha taghti piena aktar xierqa skont ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Illi ghar-rigward tal-ewwel kaz, u cioe l-incident tas-17 ta' Dicembru 2017, inghad ripetutament li l-appellant ma kienx dak ir-ragel li kien qasam it-triq u mar jipprova jisraq il-handbag minghand is-Sara Grima.[1] Fix-xhieda tieghu l-appellant stqarr li hu kien ir-ragel li kien in-naha l-ohra tat-triq fejn Daniele Aquilina kien attaka lis-Sara Grima u taha daqqiet ta' ponn waqt dan l-attentat ta' serq.

[1] Punt numru 11 f'pagna 5 tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

Illi l-appellant fix-xhieda tieghu wkoll ta spjegazzjoni dettaljata tat-toroq minn fejn kienu ghaddew u spjega wkoll il-hsieb tieghu ghalfejn ghaddew mit-triq tax-xatt (hdejn il-Busy Bee). Li kieku l-appellant kien bi hsiebu li jwettaq serqa, huwa plawsibbli li kien konxjament jghaddi minn post fejn jaf li hemm il-cameras ftit minuti biss qabel ma jippartecipa f'serqa?

Illi l-appellant kien telaq minn fuq il-post mahsud u taht xokk – ghaliex hu xehed li qatt ma kien ra hold-up, la qatt kien involut f'hold-up u lanqas qatt ma ra ragel jisraq mara u jsawwatha.

Illi l-appellant xehed ukoll li hu ma kienx jaf lil Daniele Aquilina u li Aquilina kien avvicinah u kelmu ftit sieghat qabel waqt li l-appellant kien qieghed jiehu kafe. Ghalhekk kompla jispjega l-appellant waqt ix-xhieda tieghu, meta Aquilina kien qed jghid lill-appellant x'ser jaghmel hu (l-appellant) *"m'emmintux ghax ma nafux. Jien m'emmintux ghax ma nafux din il-persuna fejn jasal b'mohhu; ma bsartx jigifieri li jasal s'hemm."*[2]

Illi ghalhekk l-appellant ma kienx jaf jekk Aquilina kienx qieghed jiccajta, jibbluffja jew jitkellem bis-serjeta' meta kien qed jitkellem. Tant hu hekk li Aquilina kien diga indikalu hames persuni[3] qabel ma ghamel gahs-Sra Grima. Dan il-fatt ikompli juri kif l-appellant seta haseb li Aquilina kien qieghed biss jiccajta jew jibbluffja b'dak li kien qieghed jghid.

Illi fuq domanda tal-Prosekuzzjoni (a fol 206):

*Prosekuzzjoni: "Hrigt mid-dar, qallek 'ejja mmorru naghmlu hold-up". Uriek is-sikkina…"*
*Xhud: Hu qal jaghmlu, mhux naghmel.*

---

[2] Fol. 203.
[3] Fol. 203-204.

L-appellant enfasizza li qatt ma kienu fthemu li hu (l-appellant) kien ser jippartecipa ma' Aquilina f'xi hold-up.

Illi fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati jinghad li *"Din il-Qorti m'ghandhix dubbju li l-prezenza kontinwa tal-imputat waqt l-aggressjoni ta' Grima, kienet intiza biex issahhah il-vontola ta' Aquilina biex jikkommetti r-reat ta' serq…*[4]*"* Izda l-logika tghidlek li kieku l-appellant verament ried isahhah il-volonta' ta' Aquilina, kien jaqsam it-triq huwa wkoll sabiex ikun vicin ta' Aquilina u jiehu sehem attiv (jew tal-inqas passiv izda jkun fil-qrib) fis-serqa/attentat ta' serqa li kien qieghed iwettaq Aquilina.

Illi l-prosekuzzjoni ghamlet enfasi li l-prova tal-*mens rea* tal-appellant kien li hu f'ebda hin ma kien imgieghel jibqa' ma' Aquilina u seta' ddecieda li jaqbad u jitlaq minn mieghu. Li l-prosekuzzjoni mhijiex tapprezza hu li, ll-ewwel nett, l-appellant kien ra sikkina fil-pussess ta' Aquilina;[5] it-tieni nett, l-appellant xehed kif Aquilina kien ikkonsuma d-droga u "*propja mignun kien, peress li kien taht l-effett tad-droga, propja mignun*";[6] it-tielet nett, li kienu l-appellant telaq minn fejn Aquilina, Aquilina seta xorta wahda jerga jsibu kif in effeti kien sabu ftit sieghat qabel meta l-appellant kien qieghed jiehu te.

Illi ghar-rigward tat-tieni kaz, u cioe' l-incident tal-1 ta' Dicembru 2017, f'ebda hin ma ngiebet dak li wiehed jista' jsqis bhala l-prova regina, u cioe' filmat li juri lill-appellant hiereg minn gewwa dini s-sala jew miexi fil-vicin tal-istess sala effettivament bil-wallet f'idejh.

Illi l-appellant qatt ma cahad li kien mar gewwa dik is-sala u fix-xhieda tieghu qal li kien mar sabiex ikellem lil ommu, li rrizulta li kienet prezenti hemmhekk ukoll.

[4] Fol. 242.
[5] Jekk kienitx fil-post fejn kienu qabel jew jekk kienitx fuq Aquilina ma taghmilx differenza f'dan l-istadju.
[6] Fol. 193.

Illi l-anzjana derubata (Veneranda Sammut) fix-xhieda taghha qalet li hi mhijiex taghraf il-persuna li allegatament serqiilha l-wallet.[7] Kif inhu possibli li ragel li allegatament kien daqshekk vicin taghha – tant li seraq il-wallet taghha li kien vicin taghha – ma rnexxilhiex taghrfu? Ma jinghad li kien hemm ebda rgiel ohra fis-sala waqt il-loghob tat-tombla dakinhar. Allura ma kellux ikun daqshekk difficli sabiex ix-xhud taghraf lill-appellant jekk verament kien hu li seraq il-wallet taghha.

Illi fix-xhieda taghha **Jane Zammit** qalet li ma ratx il-persuna tisraq:

> *Difiza: Jigifieri inti ma rajthiex lil din il-persuna tisraq. Naqblu?*
> *Ix-xhud: No, hi giet hekk mal-hajt ghax ahna l-mejda tieghi kienet hawn –*
> *Difiza: Le, stenna ftit. Inti rajt lil xi persuna jisraq ? Iva jew le.*
> *Ix-xhud: No, kullma smajt "Aqbduh, aqbduh ghax hadli l-portmoni!"*[8]

Illi l-istess xhud ma gharfitx lill-appellant:

> *Pros: Issa, inti jekk taghti titwila fl-awla, taghraf lil xi hadd?*
> *Ix-xhud: Ma naghrafx ghax jien dan il-bniedem darba rajtu jigifieri, mhux daqshekk; forsi, forsi, nipprova imma.*
> *Pros: Tista' taghti titwila u ara jekk taghrafx lil xi hadd?*
> *Ix-xhud: Warajja?*
> *Pros: Jekk joghgbok dejjem ta.*
> *Ix-xhud: M;inhix certa ta, ma nafx jekk hux dan, imma mhux ha nkun hundred percent.*
> *Il-Qorti: Ghal ftit minuti, ha jnehhi l-maskra.*

---

[7] Fol.
[8] Fol. 130.

> *Ix-xhud: Ghax qed nghidlek qatt ma rajtu, m'inhix hundred percent imma forsi mmur fuqu; m'inhix hundred percent.*[9]

Illi ghalhekk ix-xhieda tas-Sra Zammit mhijiex wahda kredibbli ghaliex hi la rat lil xi hadd jisraq il-wallet tas-Sra Sammut u lanqas ma gharfet lill-appellant li allegatament seraq dan il-wallet. B'hekk din ix-xhieda ghandha tigi skartata.

Illi xehedet ukoll Maria Carmela Tanti fejn hi qalet li rat ragel jnizzel idu u telaq jigri.[10] Din ix-xhud ukoll ma setghetx taghraf lil dan ir-ragel u lanqas ma setghet taghraf lix-xhud.[11]

Illi ghandu jigi osservat li din ix-xhud fl-ebda hin ma qalet ir-ragel li allegatament seraq il-wallet fejn ratu "inizzel idu" u jekk kellux xi haga f'idu wara.

Illi ghalhekk din ix-xhieda wkoll ghandha tigi skartata in kwantu mhijiex attendibbli u kredibbli.

Illi d-dubju fil-kamp penali ghandu jimmilita favur id-difiza. Il-prova trid tkun hemm u trid tezisti lil hinn minn kull ombra ta'dubju dettata mir-raguni.

Illi ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex issib lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba fil-konfont tieghu u ghalhekk tilliberah mill-akkuzi hekk kif dedotti.

**Ikkunsidrat:**

---

[9] Fol. 128.
[10] Fol. 133.
[11] Fol. 134.

Jinghad illi l-appellant, fost akkuzi ohrajn, tressaq il-Qorti akkuzat b'komplicita' t'attentat ta' serqa aggravata bil-vjolenza, bil-valur kif ukoll bil-mezz. Illi ghalhekk jehtieg qabel xejn li din il-Qorti tispjega x'jimporta l-akkuza ta' komplicita f'reat ta' serq.

Illi l-pern wara dan l-appell huwa jekk mill-provi prodotti jirriżultax soddisfaċentement ippruvati l-elementi :

(a) tal-kompliċita fit-termini tal-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali;
(b) applikati fil-kuntest tar-reat ta' serq aggravat kif previst f-artikoli tal-Kodiċi Kriminali;
bejn l-appellant Reuben Galea u Daniele Aquilina.

L-**artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali**, jgħid li persuna titqies kompliċi f'delitt jekk hija :

(a) tkun tat ordni lil ħaddieħor biex jagħmel id-delitt; jew
(b) tkun ġiegħlet li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, wegħdiet, theddid, maniġġi, jew egħmil qarrieqi, inkella b'abbuż ta' awtorità jew setgħa, inkella li tkun tat istruzzjonijiet biex isir id-delitt; jew
(ċ) tkun tat armi, għodod jew mezzi oħra li jkunu ġew użati fl-egħmil taddelitt, meta kienet taf li kellhom hekk jiġu użati; jew
(d) għad li ma tkunx waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ), b'xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ippreparat jew ikkunsmat; jew
(e) tkun xewxet lil ħaddieħor inkella saħħet il-volontà tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wegħdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf miegħu jew tikkompensah.

In oltre skond il-ġurisprudenza Maltija l-elementi tal-kompliċita huma s-segwenti:

...... jrid jirrizulta *"a common design" li gie mfisser "the two or more persons concurring in the offence must be shown to have intended one and the same offence and have done something towards committing it."*

*Kwindi jrid jigi ippruvat minghajr dubbju dettat mir-raguni illi l-appellant kellu l-istess intenzjoni u hsieb tal-awtur principali ta' dan ir-reat illi ghamel atti preparatorji u jwettaq ir-reat..*[12]

In oltre fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Martin Dimech** ġie ritenut is-segwenti:

*Il-komplici huwa dak li ghalkemm ma jippartecipax materjalment fis-serqa jaghmel xi haga, bi ftehim maghhom, jigifieri jkun hemm il-ftehim minn qabel maghhom, biex jghinhom jew fil-preparazzjoni tas-serqa, jew fit-twettiq tas-serqa, anke min ikun qieghed jghinhom fit-twettiq tas-serqa per ezempjubilli joqghod ghassa barra. Dan ikun qieghed jghinhom fit-twettiq ghax waqt li tkun qed ssir is-serqa gewwa, ghandhom il-guard barra li qieghed ghassa. Jew inkella, dejjem bi ftehim maghhom, jew fil-preparazzjoni jew fit-twettiq tas-serqa, jew jghinhom, pero` dejjem bi ftehim minn qabel maghhom, biex wara s-serqa jaharbu, jew biex ma jinqabdux jew biex jiddisponu mir-refurtiva. L-importanti huwa naturalment li jkun hemm il-ftehim minn qabel.*[13]

Mill-ġurisprudenza jirriżulta wkoll li mhux kull min ikun preżenti fuq ix-xena tad-delitt neċessarjament huwa preżunt kompliċi. Biex persuna titqies kompliċi jridu jirrikorru l-elementi tal-kompliċita, partikolarment il-'*common design*' jew il-ħsieb komuni li huwa essenzjali għal dan il-kunċett.

[12] Il-Pulizija vs. Kenneth Ellul deċiża nhar il-15 ta' Jannar 2015 mill-Qorti tal-Appell Kriminali ippreseduta mill-Imħallef Michael Mallia.
[13] Deċiża nhar l-24 ta' Settembru 2004 mill-Qorti tal-Appell Kriminali u preseduta mill-Imħallfin David Scicluna, Joseph Filletti u Joseph R. Micallef.

Infatti fis-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament ippreseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Nicholas Aquilina et** ġie ritenut illi:

> *Huwa veru li l-presenza ta' persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jigi kommess id-delitt tista' tammonta ghall-komplicita` f' dak id-delitt kemm-il darba jkun jirrisulta li bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt.*[14]

Hekk kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Philip Borg et**[15] id-dottrina u l-gurisprudenza in tema ta' komplicita hija ben stabbilita.

Il-Professur Sir Anthony Mamo jghallem li:

> *A man may be held responsible for an offence, even though he may not have done the act which constitutes that offence, if he had done some other act which has helped towards the commission of the offence and had done the act in pursuance of a common design to commit that offence*[16].

Illi l-istess Qorti tal-Appell qalet li:

> *Il-kompliċi huwa dak li għalkemm ma jipparteċipax materjalment fis-serqa, jagħmel xi ħaġa, bi ftehim magħhom, jiġifieri jkun hemm ftehim minn qabel magħhom, biex jgħinhom jew fil-preparazzjoni tas-serqa, jew fit-twettiq tas-serqa, .... L-importanti huwa naturalment li jkun hemm ftehim minn qabel.*

---

14 Deċiża nhar l-24 ta' Mejju 2002 mill-Imħallef Vincent Degaetano

15 Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fl-24 ta' April 2017

16 Notes on Criminal Law Vol I pagna 124.

Illi fil-fatt il-Professur Mamo jghallem ukoll li:

> *A merely physical participation in the act without a participation in the criminal design cannot be the ground of criminal liability. In other words, no matter how effectively the act of one person may have helped another in the commission of an offence, the former is not responsible as a co-principal or an accomplice, unless it can be shown that he did the act with the purpose of which another takes advantage to commit an offence, that man does not in any legal sense participate in the offence.*[17]*"*

Illi dwar il-prova necessarja biex tirrizulta imputazzjoni ta' komplicita f'reat imwettaq minn persuna ohra ghalhekk irid jirrizulta sodisfacentement pruvat mill-prosekuzzjoni ... li l-imputat (i) kien jaf li l-awtur kien ser iwettaq id-delitt u (ii) li hu deliberatament ghenu biex hekk iwettaq id-delitt billi ghamel xi haga li tinkwadra f'wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali. Is-semplici fatt li l-imputat mar ma' l-awtur, u anke kien fuq il-post waqt li dan wettaq id-delitt in kwistjoni, ma jfissirx necessarjament [18] li hu kien jaf x'kellu f'mohhu. Il-Qorti tal-Appell Kriminali pero' ccarat li:

> *Huwa veru li l-presenza ta' persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jigi kommess id-delitt tista' tammonta ghall-komplicita` f'dak id-delitt kemm-il darba jkun jirrisulta li bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt*[19]*..*

---

[17] Op cit pagna 125
[18] Enfasi ta' din l-Onorabbli Qorti
[19] Ref Il-Pulizija vs Carmelo Agius deciza 24.02.2002

Ghalhekk din il-Qorti sejra tezamina l-provi prodotti biex tara jekk l-akkuzi kif moghtija mill-prosekuzzjoni jirrizultawx provati jew le.

Illi nhar it-3 ta' Jannar 2020 xehdet **Karolina Grima** u stqarret li nhar is-17 ta' Dicembru 2019 ghall-habta tas-7.30 a.m. hija kient ghaddejja minn Triq Abate Rigord Ta' Xbiex direzzjoni lejn ir-ristorant Mamma Mia fuq il-lemin tat-triq u rat zewg irgiel libsin gakketta bil-hood maghha u scarf ma wicchom. Fin-nofs tat-triq kien hemm *zebra crossing* bil-lights. Wiehed minnhom beda jaqsam ghal hdejha, ghadda warajha u hasset idu fuq spallejha l-leminija minn wara. Hija kellha baskett fuq spallejha, idha tal-lemin fil-but. Dan prova jigbed il-basket u wehel fuq idejha. Imbaghad beda jghatiha daqqiet ta' ponn fuq rasha u wiccha u qalilha biex titlaq il-baskett. Kienet qed tipprova tevita d-daqqiet ta' ponn u tmur fit-triq fejn kienu ghaddejjin il-karozzi. Taha darbtejn fuq rasha u darba f'wiccha. Bdiet tghajjat u twerzaq ghall-ghajnuna imbaghad rat in-nies minn Blue Harbour gejjin lejha. Mistoqsija x'ghamlet il-persuna l-ohra, tghid ma tafx ghax ma tatx kaz. Tghid li l-aggressur taghha kien liebes scarf sewda waqt li l-iehor kien liebes scarf bajda. Fil-baskett kellha *wallet* b'hamsin euro (€50) go fih. Wara marret ic-centru tas-sahha u gie invistata minn tabib li ghamillha certifikat mediku dwar il-griehi li sofriet. Fuq xuftejha kellha tbengila wahda u fuq il-lemin fuq mohhha u fuq ix-xellug ta' mohhha kellha tbengila ohra.

**Matthew Welan** xehed fl-istess jum jghid li jiftakar li kien jum it-Tlieta fis-sebgha u nofs neqsin minuta ( 07.29) tas-sena 2019 kien qieghed xoghol Blue Harbour Ta' Xbiex u kien qed jahdem fuq rampa u hu miexi ezattament sema' twerziq u karozzi ipapqu l-horn u ra ragel u mara u fil-bidu haseb li kien kaz ta' vjolenza domestika u meta hares, ra li r-ragel kien liebes hood fuq rasu u dask mask xi haga li tilbes ma wiccek biex tghati fuq il-building sites. Din kienet kulur beige. Rah itiha bil-ponn tlett darbiet f'halqha. Meta avvicinah deher li kien qisu fis-sakra jew bid-drogi u dan gera 'l fuq qabadha u zammha 'l boghod minnu. Dan gera 'l fuq ghat telgha lejn Ta' Xbiex lejn hanut tal-kompjuters.

Jghid li originarjament kien hemm zewgt irgiel imbaghad minn dawk l-irgiel wiehed biss taha bil-ponn. Qal li z-zewgt irgiel ghall-ewwel kienu hdejn Deggi's bar. Huwa gharaf lill-imputat illum appellant.

**Veneranda Sammut** xehdet ukoll fl-istess jum u spjegat li nhar l-1 ta' Dicembru 2019 u kkonfermat li kienet il-Bingo gewwa St. Valentines Hall il-Hamrun ghall-habta tat-3.00 p.m u dahal ragel u beda jippassiggja u n-nies bdew jghidulu *' zur min nofs, zur min nofs'* peress li kellhom jaraw in-numri fuq il-bord. Fuq in-naha tax-xellug kellha l-habiba taghha u fuq in-naha tal-lemin kellha siggu vojt u kellha l-handbag fuqu u x'hin bdew jghajtu n-nies dan dahal bejn is-siggu u hasset is-siggu jersaq kemm kemm lejha u ratu jippikja l-wallet taghha u jahrab. Hija qabdet tigri warajh imma ma lahqitux. Mistoqsija jekk tgharafx lil din il-persuna tghid li le. Fis-sala bdew jghidulha li 'dik ommu Eva' ghax ommu kienet hemm u mar jitlobha l-flus u ma tatux u kien ghalhekk li beda ihuf. Ommu tmur il-bingo maghhom. Fil-wallet tghid li kellha mija u hamsin euro (€150) tlett noti tal-€50, kellha erba' BOV cards u l-ID card. Tghid li l-wallet kien jiswa €40 pero kienet qalaghtu u huwa tad-ditta. Tghid li bdiet iccempel lill-pulizija izda taf li kellhom xi dimostrazzjoni u ghalhekk nizlet l-ghassa flimkien ma tlett ihbieb taghha li kienu l-bingo maghha. Spjegat lill-pulizija dak li kien gralha u qaltilhom li ma kienitx taf x'jismu l-aggressur taghha u qaltilhom li ommu jisimha Violet jew Eva. Tghid li n-nies bdew jghidulha li l-aggressur taghha kellu laqam mgharuf bhala 'il-wires'. Waqt li kienet l-ghassa, urewha il-persuna ta' ommu u hija gharfitha u qaltilhom 'iva dik hi'. Lil Eva gharfitha mill-kompjuter tal-pulizija. Hija ma gietx murija ritratt tal-malvivent taghha.

Spettur Lydon Zammit xehed nhar it-3 ta' Jannar 2020 u kkonferma li nhar is-17 ta' Dicembru 2019 ghall-habta tas-7.30 a.m. kien gie nfurmat mill-control room tal-pulizija li fi Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, kienet ghadha kif sehhet serqa fuq mara li kienet miexja u anke sofriet xi griehi fuq persuntha. Gie nfurmat li minn gewwa SKC café kienet sehhet l-ewwel serqa u cioe kien ghadu kif sehh armed robbery u li kien hemm

suspett illi l-persuna kien l-istess wiehed li kien wettaq huwa wiehed komuni li kien wettaq iz-zewg serqiet.

Huwa flimkien man-nies tieghu tad-distrett nizlu fuq il-post u kelmu lil vittma, certu Karolina Grima detentrici tal-karta ta' identita numru 162561A fejn min-naha taghha infurmatu li waqt li kienet miexja fi Triq Abate Rigord Ta' Xbiex, direzzjoni lejn il-Gzira fuq il-bankina tax-xellug fuq il-bankina l-ohra, rat zewgt irgiel suspettuza li kienu qed iharsu lejha u kienu qed jitkelmu bejniethom. Hija baqghet miexja fuq il-bankina opposta meta wiehed minn dawn l-irgiel qasam it-triq minn fuq iz-zebra crossing waqt li mar minn warajha u prova johdilha il-handbag. Meta l-handbag ma setax johrog minhabba li kien ma spallejha, hu qabad itiha go wiccha, taha xi daqqiet go wiccha. Skond il-vittma din stqarret li kienet giet attakkata minn persuna li kellha scarf imdawwar ma wiccu u meta giet assistita minn persuna li hareg mill-ufficcini tal-qrib huwa harab minn fuq il-post. Kien Matthew Welan li assista lill-vitma liema persuna tahdem bhala *security* f'ufficcju fil-qrib. Qalet li dan sema' l-ghajjat, hareg biex jiccekja x'gara u ra ragel u mara qeghdin f'taqbida. Ghall-ewwel haseb li kien argument domestiku, argument bejn mara u ragel izda wara irrejalzizza li kienet qed issir serqa u kien ghalhekk li mar u assista l-vittma. Huwa kkonferma li fuq in-naha l-ohra tal-bankina kien ra ragel iehor li kien qed ihares minn fuq il-post. Il-vittma Karolina Grima kienet intalbet tmur l-ghassa biex isir rapport fejn min-naha taghha imbaghad giet mitluba tmur ic-centru tas-sahha tal-Furjana fejn giet iccertifikata minn Dr. Alfred Abela li kienet qed issofri minn griehi ta' natura hafifa.

Min-naha tal-pulizija kienu ingabru diversi cameras relatati maz-zewg incidenti minhabba li bdew jinvestigawhom konguntivament fejn ingabru cameras tal-Betson Group li jinsab fi Triq il-Principessa Elizabetta, Twin Casino li jinsab fl-istess triq li hija tal-Kunsill li jinsab quddiem id-Deggis' Bar fi Triq Abate Rigord u CHC Café. Mill-cameras ta' Twin Casino irrizulta li s-suspettat li kien wettaq dawn is-serqiet, kien gera fid-direzzjoni ta' Triq Sir Ugo Mifsud wara l-incident kif ukoll minn tal-Betson mill-ufficini tal-Betson mis-CCTV's taghhom ma kienx inqabad l-incident izda kien

inqabad il-pesuna li mar jassisti l-vittma hiereg permezz ta' xkupa f'idu. Mill-cameras tal-Curmi & Partners u l-camera tal-Kunsill Lokali li tinsab fi triq Abate Rigord dakinhar ma kienux qed jahdmu.

Minn iktar investigazzjoni rrizulta li l-persuna li kien wettaq is-serqa, il-hold-up u kif ukoll is-serqa ta' qabel fuq Karolina Grima kien certu Daniele Aquilina bin-numru tal-karta ta' identita numru 568393(M) u dan joqghod ftit il'boghod minn fejn sehhew iz-zewg incidenti. Il-pulizija kienet gja qed tifttex lil dan Daniele Aquilina fir-rigward serqa ohra li kienet sehhet ftit jiem qabel. Dan gie arrestat mir-residenza tieghu u meta gie mitkellem ammetta l-involviment tieghu fiz-zewg serqiet. Ammetta li kien hu li wettaq is-serq izda kien ma persuna ohra li ukoll kienet mieghu qabel is-serqa fir-residenza. Irrizulta li din il-persuna kienet l-akkuzat appellant odjern.

Min-naha taghhom intalab l-hrug ta' mandat ta' arrest fir-rigward ta' Reuben Galea u nhar l-20 ta' Dicembru 2019 ghal habta tal-11.00 a.m., il-pulizija rceviet informazzjoni kien dahal fir residenza tieghu fi Triq Misrah il-Barrieri, Msida. Intbghatu zewg pulizija u Reuben ghall-ewwel harab minn fuq il-post, qabez diversi bjut ta' residenzi u aktar tard gie arrestat minn fuq il-bejt ta' residenza li hemm fl-istess triq. Waqt l-investigazzjoni ammetta li kien ma Daniele Aquilina waqt is-serqa li sehhet fuq il-persuna ta' Karolina Grima u li anke kien ma Daniele fir-residenza tieghu qabel ma sehhet din is-serqa. Jghid li kienu ftiehmu li ha jmorru jaghmlu bicca xoghol u hu fehem li din il-bicca xoghol kienet tindika li ha jmorru jisirqu biex idahlu xi flus, huma marru iduru n-nahat tal-Msida, Gzira u ta' Ta Xbiex fejn hin minnhom kienu ha jisirqu vann imma ghal xi raguni gie is-sid u telqu jigru u baqghu isegwu lil xulxin sakemm waslu fi Triq Abate Rigord Ta' Xbiex. Raw din it-tfajla u Daniele qasam u ghamel is-serqa. Jghid li kien qallu biex jghamlu din is-serqa. Reuben beda jghidilhom waqt l-istqarrija li hu baqa' ma Daniele l-hin tas-serqa u qabel minhabba li kien qed jibza' minn Daniele. Meta gie mistoqsi mill-Ispettur Fabian Fleri ghala ma telaqx minn fuq il-post, baqa' jghid li kien qed jibza minn Daniele. Mir-rotta li hadu li damet ghaddejja xi siegha u nofs, kien hemm hafna waqtiet meta Reuben seta' jitlaq'l hemm. Qallu li

meta raw lil din it-tfajla Daniele qallu 'Din tajba biex nisirqu' Fil-fatt Daniele qasam u ghamel is-serqa.

Reuben Galea imbaghad gie investigat fuq is-serqa li saret fl-1 ta' Dicembru 2019 fis-sala St. Valentines l-Hamrun ghad-detriment tal-anzjana Veneranda Sammut u dan waqt li kienet qed tilghab it-Tombla. Qal li persuna li kien qieghed ma ommu waqt li kienet qed tilghab it-Tombla kien qed idur in-nies imbghad f'hin minnhom mar hdejn din il-mara Sammut u hadilha l-wallet li kellha fuq il-mejda. Spjega li din pruvat tigri warajha wara li ndunat li hadilha l-wallet izda minhabba l-eta taghha ma setghetx tlahhaq u lahaq harab. Din il-mara kienet infurmat lill-pulizija li din il-persuna hija mgharufa bhala 'Il-Wires'. Meta gie mistoqsi dwar din is-serqa dan ammetta li kien fuq il-post li kien m'ommu fil-Valentine Hall f'dawk il-granet izda min naha tieghu qatt ma seraq xi wallet minn hemmhekk. Sussegwentment gie imressaq il-Qorti.

Ix-xhud pprezenta certifikat tat-twelid tal-persuna ta' Veneranda Sammut li gie markat bhala dok LZ 1[20], l-okkorrenza ta' l-ewwel incident li sehh f'Ta' Xbiex li gie markat bhala dok LZ 2[21], l-okkorrenza dwar it-tieni incident li sehh gewwa l-Hamrun li giet markata bhala dok LZ3[22], id-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-jedd ghal parir legali li gie markat bhala dok LZ 4[23], *audiovisual statement* tal-akkuzat li gie markat bhala dok LZ 5[24].

Illi nhar is-26 ta' Frar 2020 ix-xhud rega xehed u pprezenta tlett sentenzi li gew markati bhala dok LZ 6[25], LZ 7[26] u LZ 8[27] u filmat dwar is-serqa illi sehhet il-Hamrun li gie markat bhala dok LZ 9[28].

[20] Fol. 41 ta l-atti
[21] Fol. 42 ta l-atti
[22] Fol. 45 ta l-atti
[23] Fol. 50 ta l-atti
[24] Fol. 51 ta l-atti
[25] Fol. 89 ta l-atti
[26] Fol. 92 ta l-atti
[27] Fol. 94 ta l-atti
[28] Fol. 96 ta l-atti

**PS 267 Anthony Cassar** xehed u muri d-dokument LZ3 jghid li din hi l-okkorenza li dahlet rigward is-serqa li sehhet gewwa St. Valentines Hall. Huwa ma kellimx lil vittma pero jaf li din il-persuna semmiet bhala l-aggressur taghha pesuna li kien maghruf bhala 'Il-Wires'. Spjega li kien PS 1469 li ha r-rapport.

**PC 145 Alan Abela** xehed u muri d-dokument LZ2 jghid li din hi l-okkorenza li dahlet rigward is-serqa li sehhet gewwa Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex nhar is 17 ta' Dicembru, 2019 ghall-habta tas-7.35 a.m meta persuna femminili giet attakkata minn zewg persuni mghamdin. Ghall-habta tad-9.00 p.m marret il-vittma akkompanjata minn ragel biex jghamlu ir-rapport Qal li kienet taht xokk u baghthom sabiex igibu certifikat mediku u wara xi zmien irritornaw bic-certifikat mediku li huwa ghadda lis-surgent PS 309 Brian Xuereb. Huwa kkonferma li kien il-persuna li rrediga id-dokument LZ2.

**PC 1469 Emerson Borg** xehed u muri d-dokument LZ2 esebit fl-atti a fol 45 sa 49 tal-process u jghid li din hi l-okkorrenza li dahhal rigward l-incident li sehh nhar l-1 ta' Dicembru 2019 ghad-detriment tal-anzjana Veneranda Sammut. Meta hija rraportat li giet misruqa minn persuna mgharufa bhala 'Il-Wires'. Irraportat li kien serqilha il-wallet minn gol-handbag waqt li kienet qed tilghab it-Tombla gewwa s-sala ta' San Valentino. Huwa kkonferma li kien hu li rrediga ir-rapport esebit fl-atti.

**L-Ispettur Fabian Fleri** xehed nhar it-12 ta' Frar, 2020 u spjega illi nhar is-17 ta' Dicembru, 2019 ghall-habta tas-7.30 a.m il-pulizija gew infurmati li kien hemm mara li giet attakkata gewwa Triq Abate Rigord Ta' Xbiex. Fi ftit minuri saru jafu ukoll li saret *armed robbery* minn gewwa CKC café li jinsab ftit metri 'l boghod u mill-informazzjoni li bdiet tidhol lill-pulizija fil-bidu beda jirrizulta li d-deskrizzjoni tal-persuna kienet l-istess fiz-zewg kazi. Sussegwentment meta waslu l-pulizija fuq il-post tas-CKC Café Ta' Xbiex kelmu ma certa Ivania Borg fejn stqarret li fit-7.45p.m kienet wara l-counter u dahal persuna kellu sikkina kbira u kien ghamilha kien talabha l-flus u tatu l-flus. Irrizulta ukoll illi fuq il-post giet mitkellma ukoll Karolina Grima fejn

qalet li waqt li kienet mixja gewwa Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex kienet rat zewg persuni suspettuza jharsu lejha min naha l-ohra tat-triq hi baqghet mixja, wiehed minnhom kien qasam it-triq ghal fuqha gie minn warajha prova johdilha l-*handbag* imma din ma telqitux. Konsegwentement dan il-persuna kien taha daqqa ta' ponn go wiccha u baqa' jissara maghha izda waqt il-kollutazzjoni bejniethom kien hemm persuna ta' nazzjonalita barranija li gie jaghtiha l-ghajnuna u din il-persuna kien telaq jigri.

Minn investigazzjoni li ghamlet il-pulizija irrizulta li l-persuna li aggrediet lil din il-mara kienet l-istess persuna li ghamlet l-*armed robbery* u irrizulta li kienet il-persuna ta' Daniele Aquilina u dan gie arrestat u imressaq il-Qorti. L-investigazzjoni tal-pulizija ma waqfitx hemm ghax riedu ikunu jafu min kienet it-tieni persuna li kienet mieghu waqt li aggredixxa lil din il-mara. Minn ezami ta' numru ta' CCTV cameras irrizulta li t-tieni persuna kienet Reuben Galea. Daniele Aquilina kkonferma li Reuben Galea ma kellu x'jaqsam xejn mal-armed robbery li spjega aktar 'l fuq. Huwa gharaf lill-appellant bhala Reuben Galea. Huwa in segwitu gie mgharraf li Reuben Galea kien fir-residenza tieghu u nhar l-20 ta' Dicembru 2019 ghadda biex jarrestah u dan instab mohbi fuq il-bejt ta' residenza. Waqt l-arrest tieghu gie infurmat mill-ispettur Robert Vella li kien qed ifittex lil Reuben Galea in konnessjoni ma serqa li sehhet Hamrun gewwa St Valentine Hall fl-1 ta' Dicembru 2019.

Reuben Galea gie mitkellem u dan stqarr li kien iltaqa ma Daniel Aquilina xi l-5.00a.m gewwa Testaferrata Street Gzira. Fuq stedina ta' Daniele Aquilina, mar fir-residenza tieghu li tinsab Ta' Xbiex. Hemmhekk hadu d-droga flimkien. Minn hemmhekk, Daniele Aquilina ha xi pakketti tas-sigaretti minn go vann tad-delivery li kien wieqaf miftuh sakemm jghamel xi delivery. Qal li hu baqa' mieghu u dan qalu ghax beza minnu minkejja li kellu hafna opportunitajiet biex jahrab u fis-7.30 sehh l-incident li gie akkuzat bih.

Fir-rigward tas-serq tal-wallet minn St Valentine's Hall qal li verament kien hemmhekk ma ommu izda innega li kien seraq xi wallet minn gol-handbag u dan

minkejja li gie infurmat li kien hemm iktar nies li rawh. Huwa pero baqa' jinnega li seraq dan il-wallet.

L-**ispettur Colin Sheldon** xehed nhar is-26 ta' Frar, 2020 u stqarr li nhar is-17 ta' Dicembru 2019 ghall-habta ta' xi 8.00a.m kien cempel lill-ispettur Lydon Zammit u dak il-hin infurmah li kien ghadu kemm sehh hold up fl-istabbiliment CKC Café fi Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex u ftit minuti qabel sehhet ukoll attentat fuq persuna fl-istess triq fuq certu Karolina Grima. Huwa mar fuq il-post fejn sab li l-ispettur Lydon Zammit kein diga hemm u jghid li kien gja ra xi filmati u pprosegwew biex jarrestaw lil Daniele Aquilina. Dan gie arrestat u mressaq il-Qorti. Pero' minn stharrig li ghamel irrizulta li meta kien ghamel l-aggressjoni fuq Karolina Grima ma kienx wahdu izda kien hemm persuna ohra mieghu li kien qed jakkompanjah minkejja li ma hax sehem fl-aggressjoni. Din il-persuna hija l-akkuzat illum appellant li gharaf prezenti fl-awla. L-akkuzat gie mitkellem fid-Dipartiment tal-Investigazzjoni Kriminali minn l-ispettur Lydon Zammit u sussegwentement tressaq il-Qorti minnu stess u gie akkuzat bi komplicita rigward l-aggressjoni ta' Karolina Grima u reati ohra li ma kienux investigati min naha tieghu.

Illi nhar il-15 ta' Gunju 2019 huwa xehed u muri d-dok LZ6 ighid li dik hija sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Mata) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u kkonferma li hija sentenza li nghatat fil-konfront tal- akkuzat. Huwa jghid li l-akkuzat prezenti huwa l-istess akkuzat fis-sentenzi esebita il-Qorti.

Nhar il-15 ta' Gunju 2020 xehed l-**espert Jonathon Mizzi** li stqarr li kien gie nominat nhar is-26 ta' Frar 2020 biex janalizza footage mmarkat bhala dok LZ9 esebit fl-atti. Dan l-inkarigu huwa wetqu u mill-filmati li analizza ma nnota l-ebda moviment li jista jkun relatat ma dan il-kaz u ghaldaqstant ma tnizzel l-ebda still. Huwa pprezenta r-

rapport tieghu li gie markat bhala dok JM 1[29]. Nhar it-8 ta' Lulju 2020 huwa irritorna id-DVD originali li kellu jezamina.

**Jane Zammit** xehdet nhar il-15 ta' Gunju 2020 u tispjega li kienu qed jilghabu Tombla fil-Valentine Hall, Hamrun f'Dicembru ghall-habta tas-2.30 p.m u bdew jaraw ragel suspettuz tiela' u niezel, tiela' uu niezel idur 'l hemm u 'l hawn. Kulhadd kellu l-baskett u l-portmoni u qisu beda jdur mal-imwejjed fejn kien hemm il-portmonijiet. Qaltilhom '*Dan x'inhu? X'inhu jghamel tiela' u niezel? Tapari imur ghal café*" Tghid li qatt ma kienet ratu hemm qabel u kien ghalhekk li deher suspettuz. Kulhadd beda ikeccih ghaliex ma setghux jaraw il-monitor. Gie quddiemha u qaltlu 'ersaq'l hemm' u dan wegibha mhux 'tisma trid'. Dak il-hin resaq mal-hajt ta' min ha l-portmoni u kull ma semghet kien 'isa isa aqbduh aqbduh'. Tghid li kienet Veneranda li bdiet tghajjat il-persuna li hadilha l-portmoni. Sakemm bdiet tghid '*aqbduh aqbduh'* telaq jigri 'l barra. Meta harset lejn l-akkuzat qalet li setghet kien hu pero ma kienitx certa ghaliex darba ratu hemm. Hija akkompanjat lil Veneranda l-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun. Taf li kien hemm ommu u ohtu hemmhekk ghax tilghab it-Tombla. Ommu jisimha Eva. Kien hemm xi hadd li qallha li tigi ommu. Ommu qaltilhom '*xi tridni naghmel?'* bhal speci bdiet tibki. Imbghad giet it-tifla u qalet li kienet lesta li taghtihomlha hi. Mistoqsija jekk semghetx dan id-diskors jew qalulha li sar, tghid li semghatu hi stess.

Tghid li hija ma ratux jisraq izda ratu idur mal-imwejjed kull ma semghet kien '*aqbduh aqbduh'*. Maghha kien hemm Veneranda u Carmen. Kienet hdejn il-mejda taghhom. Tghid li lanqas rat il-persuna tohrog 'l barra. Ratha biss iddur mal-imwejjed bit-tazza tal-café. Taf li Veneranda telqet tigri ghal warajh u tghajjat '*zommuh zommuh'*

**Maria Carmela Tanti** xehdet nhar il-15 ta' Gunju 2020 u tikkonferma li nhar l-1 ta' Dicembru 2019 hija kienet fil-Valentine Hall Hamrun tilghab it-Tombla u dan wara nofs in-nhar. Gie wiehed u beda jhuf fin-nofs u kulhadd beda jghidlu '*zur min nofs'*

[29] Fol. 120 tal-atti

Imbaghad hi qal *'mhux tisma trid'* qalulu *'le araw irridu'*. Spjegat li dan beda idur fin-nofs bil-café f'idu u qaghad fil-genb fejn il-habiba taghha Venera. F'daqqa wahda taf li dahhal idu u hi telqet tigri warajh. Qalet li ratu nizzel idu u imbaghad waqfu it-Tombla ghax bdew jghajtu n-nies u harget tigri biex tara fejn marret il-habiba taghha u din qaltilha li marret tigri warajh izda ma lahqitux. Imbaghad kien hemm xi nies li qalu li ommu kienet hemmhekk u din marret tkellimha u qaltilha *'tghidli xejn fuqu ghax ma joqghodx mieghi'* cemplet lit-tifla u din giet u qalet *'intihomlok jiena, intihomlok jiena'*. Hekk bdiet tghajjat. Wara nizlu l-ghassa. Venera bdiet tikkonfondi ghal *cards* taghha u lD card. Mistoqsija jekk tgharafx lil xi hadd tghid li darba mar hemm u ghalhekk ma tistax tgharfu. Illi nhar il-21 ta' Ottubru, 2020 xehed Dr Alfred Aquilina u dan kkonferma li kien ezamina lil Pinterova Karolina fic-centru tas-sahha nhar is-17 ta' Dicembru, 10.30 a.m u kien kkonkluda li kellha xi feriti ta' natura hafifa *'save complications'*. Huwa esebixxa c-certifikat mediku li gie markat bhala dok AA1[30] u minn ezami ta' l-istess jirrizulta li l-feriti li subiet kienu madwar halqha fuq xoftejha.

L-akkuzat **Reuben Galea** xehed minn jeddu u b'mod volontarju nhar it-8 ta' Frar 2021 u spjega illi huwa kien qed jiehu café ghall-habta tat-3.30 a.m quddiem il-Petrol Station ta' Paul & Rocco u hemm hanut li jirkbu t-*taxis* hemm u iltaqa' ma persuna li ma kienx jafha certu Daniel Aquilina u dan mar fuqu ghall-gharrieda u qallu *'int il-Wires?'* u qallu li iva dak il-laqam tieghu u qallu biex imur mieghu u qallu biex imur mieghu beix jiehu nifs. Kien ghadu iqum u kien ghadu ma hax 'coke'. Ghalhekk telaq il-café u mar mieghu u hadu mieghu d-dar. Dan jghix f'dar antika fi triq li ma tinfidx. Qallu biex joqghod hemm izda qallu li kien ser jitlaq. Dahlu gewwa u kien hemm zewg tfajliet u hadu nifs flimkien mieghu, jigifieri hadu l-kokaina. Ghal habta tal-5.00a.m qallu biex imur mieghu staqsih fejn u qallu li kien ser jghamel *'hold up'*. Qallu *'ser jaghmel hold-up'* u wiegbu li *'ma kienx veru'*. Qallu li ried imur id-dar. Izda ma marx u segwih u ghaddew minn hdejn tal- BMW u Aquilina mar in-naha ta' l-istadium waqt li huwa kien ser jitla' min naha tal-Wembley. Aquilina dar u tela' mieghu hdejn il-

[30] Fol. 158 tal-atti

Wembley u mar jixtri pakkettt sigaretti minn supermarket u ra vann ihott xi affarijiet u qallu li kien ser jara x'fih dan il-vann. Huwa dar lejn il-vann biex jara x'kien fih dan il-vann u qallu li kien fih baskett kbir. Imbaghad telqu 'l hemm u dan Aquilina rega qallu biex imur mieghu qata' bicca mieghu ghaddew min hdejn il-Busy Bee u cioe it-triq tax-xatt tal-Msida. Jghid li kull arblu kellu ic-CCTV cameras imwahlin mieghu. Qallu biex ma jghamel xejn sabiex ma idahlux f'xi basla. Jghid li kien liebes *hoodie* peress li ma jafux lil dan Aquilina ma kienx jaf x'ser ighamlu ma fdahx. Qallu '*qed tarhom dawn l-arbli kollha bil-*cameras'. F'daqqa wahda jghidlu '*Upp din'* izda ma tax kaz. Ara ohra u qal '*upp din*' staqsih x'ried jghidbiha '*upp din'* izda qallu 'inti ma tifhimx'. Qallu li kien mignun u kien qed jagixxi bhal mignun ghax kien taht l-effett tad-droga. Qallu '*ghandha hand bag ara x'handbag ghandha!'* Qallu *'int bis-serjeta jew'* u qallu li kien sejjer 'l hemm u beda miexi 'l quddiem.

Waslu ma genb bar u kien hemm zewgt irgiel jiehdu l-café. Huwa kien liebes *hoodie* u ghamel manuvra biex jghatti wiccu u qallu '*ara ma tghamillix xi kummidja*' ghax jgharfu xi hadd minhabba fih. Qallu biex imur 'l hemm. Dan qabad qasam it-triq dar minn wara dar mara qabad il-*hand bag* beda itiha l-iskoss u beda ighamillha '*pum pum pum'* jghatiha daqqiet qisu qed jaghti ragel. Dak il-hin qallu 'int mignun'. Dar l-ewwel kantuniera u telaq 'l hemm. Mar id-dar, jiftakar li kellu funeral tan-nannu tat-tifla izda ma marx. Mar id-dar ghamel kafe u toast u raqad. Fil-ghaxija qam u mar hdejn tal-pastizzi u xi hadd qallu '*smajt x'gara?'* u qallu '*x'gara*?' Qallu li kien hemm wiehed mignun li dahal jghamel *hold up* go haunt u sakkar xi mara. Qallulu dik il-persuna kienet mieghu filghodu u qallu li kien ser jghamel hold up. Imbaghad qallu li kien sawwat mara u fil-pront wiegbu mela hu kien. Mistoqsi kemm kellha zmien din il-mara jghid li kellha xi 40 sena. Mistoqsi jekk kienx jaf lil din il-mara jghid li le. Mistoqsi ghaliex ma cempilx l-pulizija jghid ghaliex kellu fiducja fil-cameras li kien hemm. Qal li kellu xokk fuqu ghaliex qatt ma kien ra affarijiet simili. Qal li appena qasam it-triq dan Aquilina mar fuq din il-mara u fil-pront hareg wiehed bl-ixkupa. Dan l-incident sehh f 'Abate Rigord Street, Ta' Xbiex. Qal li dak il-hin hu baqa' fuq il-bankina faccata

u qal kemm hu mignun. Dak il-hin wehel ma l-art, iggamja u kien ghalhekk li ma marx iwaqfu. Jaf pero li din il-mara ghajtet ghajta.

Dak in-nhar qabel ma hargu mid-dar tieghu Aquilina kien urih sikkina u qallu li kienu sejrin jghamlu *hold up*. Fit-triq kien indikalu xi erba' nisa qabel ma ta s-salt ghal dik il-barranija. Qal li ma setax izommu ghax kien lahaq qasam u huwa baqa' ihares lejn l-incident isehh. Huwa dar il-kantuneira meta ra ragel hiereg ghalih bl-ixkupa.

Dwar l-incident li sehh fil-Valentine Hall jghid li hemmhekk tmur ommu tilghab it-Tombla. Jiftakar li kien mar ghand ommu biex ittih xi flus u ma tatux u hareg 'l barra. Mistoqsi jekk hax xi haga jghid li ma mess xejn.

L-akkuzat kien irrialxja ukoll stqarrija nhar l-20 ta' Dicembru, 2019 meta gie investigat mill-ispettur Fabian Fleri u t-traskrizzjoni taghha tinsab esebita fl-atti a fol 63 u markata bhala dok JC1. Mistoqsi jispjega x'kien gara nhar is-17 ta' Dicembru, 2019 jghid li kien il-Gzira hdejn Dun Auto Dealer ghall-habta tas-2.30 a.m kien qed jiehu te u ghall-habta tal-5.00 jew 5.30 a.m mar bniedem fuqu  u bdew jitkelmu. Mal-hin qallu li kien jiehu l-kokaina. Dan ir-ragel talbu jimxi mieghu u dahlu fi triq fejn jkun hemm il-prostituti. Qal li dahal mieghu f'xi razzett u habbat il-bieb ta' xi hadd li qallu li kien zijuh. Fil-fatt kien hemm ragel xih. Dahlu f'dan il-post u bdew ipejpu flimkien. Imbaghad qallu li kien ghal mieghu biex imorru jghamlu *hold up.* Izda huwa qallu li mhux t'hekk. Dak il-hin l-akkuzat jghid li Aquilina kellu sikkina f'idejh. Qal li imbaghad hargu minn dan il-post u beda jimxi warajh. Jghid li kienu libsin *hood* ghax kienet il-kesha. Ghaddew ma genb vann u qabad u ha pakkett sigaretti minn go fih u telaq jigri. Qal li Aquilina kien il-hin kollu jhares lejh u kien ikkokjat. Hass li ma setax jehles minnu ghax kellu sikkina ma qaddu. Qal li jaf li ffranka tlett nisa ghax beda jghidlu '*din ara din'*. Qallu 'ara ma ifettilekx 'u beda jghaddih taht il-cameras. Jghid li huwa veru li dam saghtejn fil-kumpanija ta' Aquilina u kien imwerwer minnu. Jghid li huwa kien qasam it-triq u attakka lil wahda mara. F'dak il-hin ma telaqx jigri izda haffef il-passs u mar hdejn id-dar t'ohtu ghax kieku telgha 'l fuq jghid li kien hemm

zewgt irgiel li kienu jaqbduh u huwa ma ghamel xejn. Insista li kellu jghatti wiccu biex jevita li jigbru lilu ukoll.

Dwar l-incident tal-1 ta' Dicembru, 2019 jispjega illi huwa mar fil-Valentine Hall fil-Hamrun fejn kien hemm ommu qed tilghab it-Tombla. Qal li dahal ikellimha pero fl-ebda hin ma seraq xi portmoni. Jghid li hemmhekk kien hemm xi nies li jafuh zghir ukoll.

**Ikkunsidrat:**

Fl-ewwel akkuza l-appellant kien gie akkuzat bir-reat ta' komplicita f' attentat ta' serq aggravat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur. Il-Qorti ezaminat fid-detttal ix-xhieda moghtija mill-allegata vittma Karolina Grima fejn spjegat li kienet miexja fit-triq u rat zewgt irgiel libsin gakketta b'hood maghha u wicchom kien mghotti bi skufja. Wiehed minnhom kellu skufja sewda u tghid li dan hu dak li aggrediha u taha bil-ponn waqt li l-iehor li kien faccata taghha fuq in-naha l-ohra tat-triq kellu skufja kulur beige. Tghid li rat wiehed minn dawn l-irgiel jaqsam it-triqi u jigbdilha l-handbag li kellha, pero ma rnexxielux jiehdu ghax baqa imwahhal ma idha. Tispjega li fil-fatt l-aggressur ta diversi daqqiet fuq wiccha u fil-fatt it-tabib Dr. Alfred Abela fic-certifikat li rrilaxxja kien ikkonferma l-feriti li kellha f'wiccha. Hija bdiet tghajjat u ftit wara harget persuna biex tghinha u dak il-hin l-aggressur telaq 'l hemm. Grima tghid li fil-baskett kellha is-somma ta' hamsin euro ( €50), nuccali, cwievet tal-ufficcju u tad-dar , erbgha cards tal-BOV u l-karta tal-identita taghha. L-appellant jghid li huwa kien qed jimxi mal-aggressur Aquilina u kien ilu fil-kumpanija tieghu ghal madwar saghtejn qabel ma sehh l-akkadut. Jghid li Aquilina kien intenzjonat jghamel dan il-*hold up* ghaliex fil-fatt kien qallu biex ma jghamilx kummiedji u b'hekk gew evitati tlett vittmi qabilha. L-appellant jghid li huwa hass li ma setax jabbanduna lil Aquilina minkejja li rah mhux f'siktu ghaliex kien imwerwer minnu ghaliex skond hu kellu sikkina ma qaddu. Pero fl-ebda hin ma ghamel tentattiv biex jitilqu izda baqa' mieghu minkejja li ra li seta jidhol fl-inkwiet. Jghid li mieghu ha d-droga qabel l-akkadut u li Aquilina kien qed

jagixxi qisu mignun. Cio nonostante ma hassx li kellu jiggagbinah u jirraporta lill-pulizija izda hass li ghandu jibqa mieghu. Kien biss wara li sar l-assalt li ddecieda li jimxi 'l isfel lejn id-dar t'ohtu u kien f'dak il-hin meta iddecieda li inizzel l-iskufja u jikxef wiccu. Ma hassx il-htiega li jghamel hekk qabel. Jghid li ghamel hekk wara li sehhet l-aggressjoni biex in-nies ikunu jafu li ma kienx hu li aggredixxa lil Karolina Grima. Jghid li huwa kellu l-hoodie biex jaghtti wiccu fil-hin meta Aquilina beda jiddentifika l-aggressur taghhom u jghid '*upp din,upp din.*' Dan jindika li kien jaf tacitament li Aquilina kien bi hsiebu jagredixxi lil xi hadd biex jisraqha. Fil-fatt fil-bidu tal-inkontru taghhom jghid li Aquilina qallu li kien ser ighamel *hold up* u qallu biex imur mieghu.

Illi l-agir ta' Aquilina ma ihalli l-ebda dubbju f'mohh il-gudikant li in effetti l-appellant kien jaf li Aquilina kien ser jghamel dak li ghamel u dan ghaliex kien gja esprima ruhu billi identifika vittmi potenzjali tieghu qabel ma qasam it-triq u mar fuq din Grima. Fl-ebda hin ma l-appellant hass il-htiega li jitlaq 'l hemm kif del resto ghamel meta in effetti sehhet l-aggressjoni. Jghid li ma ghamilx hekk ghax Aquilina kellu sikkina ma qaddu pero fl-ebda hin ma jghid li in effetti Aquilina heddu biha.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti jirrizultaw indizzji cari li l-appellant kien jaf b'dak li ser jghamel Aquilina meta aggredixxa lil Grima u fl-ebda hin ma waqfu. Kien jaf li Aquilina kien bi hsiebu jikkommetti serq u l-appellant kien komplici mieghu billi l-presenza tieghu sahhet il-volonta tieghu. Il-presenza tal-appellant kienet hemm biex isahhah il-volonta ta' Aquilina biex jikkommetti r-reat ta' serq. Huwa minnu li s-serq ma sarx ghaliex fil-fatt il-handbag wehel ma id l-allegata vittma. Jirrizulta ghalhekk li kien hemm attentat ta' serq aggravat bil-mezz ghaliex kif provdut fl-artikolu 263(b) tal-Kodici Kriminali l-appellant ipprezenta ruhu b'wiccu mghotti bil-hsieb li ma jintgharafx. L-attentat ta' serq huwa ukoll aggravat bil-valur ghaliex l-oggetti li kien hemm fil-baskett inkluz il-valur tal-baskett, jecceddu l-ammont ta' €233 euros. Illi l-aggravju tal-vjolenza ma tirrizultax ghaliex ma kienx hemm aktar minn zewg min nies li pprezentaw ruhhom waqt il-kommissjoni tar-reat. L-allegazzjoni li Aquilina kellu

sikkina tibqa' biss allegazzjoni tal-appellant ghaliex fl-ebda hin ma l-allegata vittma ma tghid li rat xi sikkina jew li giet mhedda b'xi sikkina konsegwentement ma giex provat li l-malviventi f'xi hin kienu armati.

Dwar **it-tieni** reat li l-appellant gie mixli li kien l-awtur ta' serq ghad-detriment ta' Veneranda Sammut. Mill-provi prodotti jirrizulta li Veneranda Sammut nhar l-1 ta' Dicembru 2019 kienet qed tilghab it-Tombla flimkien ma numru ta' hbieb taghha fis-sala St. Valentine Hall, Hamrun. F'xi hin jirrizulta ukoll anke mill-ammissjoni ta' l-istess appellant, li l-appellant dahal f'din is-sala u mar ikellem lil ommu Eva li inzertat kienet ukoll qed tilghab it-Tombla. Jghid li kien mar jitlob flus lill-ommu izda ma tatux. Jirrizulta mix-xhieda ta' Veneranda Sammut u ta' Maria Carmela Tanti li kien hemm ragel idur bil-café f'idejh. Sammut tghid li fil-hin hasset il-baskett taghha li kellha fuq siggu jiccaqlaq u meta daret rat ragel jiehu l-*wallet* u jahrab. Hi marret tigri warajh izda ma lahqitux. Kien hemm xi nies li qalulha li kien it-tifel ta' Eva li ghamel hekk. Irgiel ohra fis-sala ma jirrizultax li kien hemm Sammut tghid li fil-handbag kellha s-somma ta' mija u hamsin euro (€150). Il-karta ta' identita taghha u zewg credit cards biex tigbed il-flus. Il-wallet kien jiswa erbghin euro (€40). Sammut marret taghmel rapport flimkien ma Tanti u waqt li kienet fl-ufficcju tal-ghassa giet murija ritratt ta' Eva fuq il-kompjuter tal-pulizija u kkonfermat li fil-fatt dik il-persuna kienet Eva. Sammut tghid li waqt li kienet fis-sala bdew jghidulha li bin Eva huwa mgharuf bil-laqam 'Il-Wires' u meta l-appellant gie mistoqsi jekk ghandux laqam jghid li hu mgharuf bhala 'Il-Wires'.

L-appellant ma jammettix li kien hu li seraq il-baskett ghalkemm jammetti li kien fis-sala dak in-nhar tal-akkadut. Il-Qorti pero thoss li x-xhieda moghtija mill-appellant m'hiex kredibbli u dan ghaliex ma kienx hemm raguni li l-appellant jibqa idur mal-imwejjed fis-sala meta ommu irrifjutat li tatih xi flus. Huwa baqa' idur hemmhekk ghal raguni u cioe biex jisraq xi portmoni jew baskett ta' xi anzjana li kienet qeghda hemm ghal mistrieh taghha tilghab it-Tombla. Ghalhekk din il-Qorti tiddikjara li qed issibu hati tar-reat ta' serq. Pero stante li ma giex akkuzat bir-reat ta' serq aggravat fil-

komparixxi ma tistax issibu hati tar-reat kif inhu aggravat[31] kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti u dan ghaliex ma jistax l-Avukat Generali izid l-akkuzi fin-nota tar-rinviju tieghu meta l-istess appellant gie akkuzat biss b'serq semplici fir-rigward tat-tieni akkuza. Ghalhekk din il-Qorti kif ghamlet l-ewwel Qorti qed issibu hati tar-reat semplici.

Illi l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati talli huwa recidiv. Din il-Qorti rat is-sentenzi esebiti fl-atti u cioe dik moghtija nhar it-12 ta' Novembru, 2019 fejn gie ikkundannat tmien xhur prigunerija u s-sentenza moghtija nhar it-13 ta' Settembru 2019 fejn gie kkundannat ghal piena ta' prigunerija ta' sentejn. Rat li dawn iz-zewg sentenzi gew konfermati mill-ispettur Colin Sheldon fil-konfront tal-appellant odjern u ghalhekk ghandu jitqies bhala recidiv. Ghalhekk din l-akkuza ta' recidiva tirrizulta ukoll ben provata kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti.

Illi l-appellant interpona umli appell ukoll mill-piena moghtija mill-ewwel Qorti. Issa huwa principju ormai stabbilit fil-gurisprudenza li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Infatti Fis-sentenza tal-każ Il-Pulizija vs. Spiru Muscat l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Dr. David Scicluna fil-15 ta' Frar 2012 (255/2011) sostniet:

> *"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tiprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi ir-responsabbilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għall kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha......M'huwiex normali pero li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk l-piena nflitta tkun*

[31] Vide artikolu 370 (3) tal-Kap 9

*tidħol fil-parametri tal-Liġi  u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat"*

Din il-forma mentis tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio**[32] , **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia**[33] u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[34] . Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:

*"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

Illi l-appellant ma resssaq l-ebda tibdil fic-cirkostanzi 'l ghala din il-Qorti ghandha tbiddel il-piena imposta mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti rat ukoll il-fedina penali tal-appellant u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-appellant baqa' ghaddej bl-istil ta' hajja tieghu ta' kriminalita tant li sahansitra anke kkommetta reati ohra waqt l-andament ta' dawn l-istess proceduri u ghalhekk mhi ser tordna l-ebda temperament fil-piena moghtija mill-ewwel Qorti.

---

32 Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003.

33 Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).

34 Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).

Din il-Qorti ghalhekk qeghda tikkonferma l-ewwel sentenza moghtija fl-ismijiet premessi fejn l-appellant instab hati ta' l-ewwel, it-tieni u l-hames akkuza u tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant mhux hati tat-tielet u raba akkuza u illiberatu minnhom. Din il-Qorti ghalhekk qeghda tiddikjara li qed issib lill-appellant hati tal-ewwel, it-tieni u l-hames akkuza kif misjub mill-ewwel Qorti u qed tikkonferma il-piena imposta mill-ewwel Qorti. Tiddikjara li mhux qed issibu hati tat-tielet u raba akkuza u tilliberah minnhom.

Il-Qorti qed tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni biex tikkundanna lill-appellant ihallas l-ispejjez tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u appuntu biex ihallas l-ammont ta' €258.72 li gew imhallsa lill-espert Jonathon Mizzi u dan fi zmien xahar minn meta jigi hekk interpellat mid-Direttur tal Qorti Kriminali.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali biex jigbor l-ispejjez ta' dan l-espert.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur